MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Numru. 538/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Francis Bonello**
**Carmel Mifsud**
**Martin Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmija **Francis Bonello**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, bin Saviour u Carmen neé Sultana, imwieled Xaghra (Ghawdex) fit-18 ta' Awissu 1968 u residenti fil-fond Vox Clamantis, Triq Sant'Anton, Xaghra, Ghawdex u detentur

tal-karta tal-identita' numru 24268(G), **Carmel Mifsud**, ta' sitta u erbghin (46) sena, bin Nazzareno u Magdalen neé Farrugia, imwieled Rabat (Ghawdex) fis-26 ta' Mejju 1963 u residenti fil-fond numru 4, Triq is-Sellum, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 25563(G) u **Martin Vella**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, bin Carmel u Margaret neé Azzopardi, imwieled Rabat (Ghawdex) fil-21 ta' April 1969 u residenti fil-fond numru 79, Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 11869(G)

li gew akkuzati talli nhar it-30 ta' Jannar 2009 gewwa sit fi Triq it-Telgha, Qala, Ghawdex;

1. Talli waqqaw jew ipprovaw jwaqqaw, qtaw jew ipprovaw jaqtaw, nehhew jew ipprovaw jnehhu l-qoxra tas-sigra, qallaw jew ipprovaw jaqlaw l-gheruq, nehhew jew ipprovaw jnehhu l-injam, wahhlu jew ipprovaw jwahhlu xi haga ma', jew bi kwalunkwe mod qerdu jew ipprovaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ipprovaw jaghmlu hsara, lil xi sigra jew xi partijiet taghha li hija elenkata fl-iskedi I, Π u Ш u ta' xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV li jinsabu ma' A.L. 12 ta' 2001 (Regolamenti ta' 2001 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Masgar), hlief ghal ragunijiet ta' maniggar jew ta' intervent kirurgiku mwettaq mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati (Regolament 6 ta' A.L. 12 ta' 2001)

2. Ukoll talli akkuzati illi hadu parti f'azzjoni jew ipprovaw jiehdu parti f'azzjoni, jew aggixxew b'tali mod li, fil-fehma tad-Direttur setghat jkun ta' hsara ghall-identita` biologika, jew ghal xi sigra elenkata fl-iskedi I, Π u Ш jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV li jinsabu ma' A.L. 12 of 2001 (Regolamenti ta' 2001 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Masgar) (Regolament 7(4) ta' A.L. 12 ta' 2001)

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li l-imputati ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri, irrizulta li filwaqt li l-imputat Francis Bonello kien informa lill-imputat Martin Vella illi sigra, li rrizulta li kienet tal-harruba, kellha bzonn tinzabar, l-imputat Martin Vella qabbad lill-imputat l-iehor Carmelo Mifsud sabiex jaghmel dan, tant li dakinhar tat-30 ta' Jannar 2009, Carmelo Mifsud kien qed jaghmel dak minnu mitlub.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat Carmel Mifsud inqabad jizbor is-sigra tal-harruba minn PC 272 li mar fuq il-post wara li kien dahal rapport l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex. Irrizulta wkoll li Carmel Mifsud gie mgharraf rigward il-fatt li s-sigra tal-harruba kellha bzonn tinzabar minn l-imputat Francis Bonello.

Jirrizulta li l-imputat Francis Bonello kien informa lill-Pulizija li huwa kien qal lill-imputat Carmel Mifsud sabiex jaqta' biss dawk il-frieghi tas-sigra li kienu sejrin fil-proprjeta' tieghu (ta' Bonello). Minkejja li l-imputat Martin Vella ghazel li ma jwiegebx meta gie mistoqsi mill-Pulizija, l-imputat Carmel Mifsud kkonferma li l-imputat Martin Vella kien il-persuna li flimkien ma' Francis Bonello iddecidew li s-sigra tal-harruba kellha tinzabar.

**Ikkunsidrat**

Illi Regolament 15(d) tal-Avviz Legali 12 tal-2001 jghid hekk :

« Kull persuna li tiftiehem jew tipprova tiftiehem, tghin jew tipprova tghin, thajjar, jew tipprova thajjar, taghti parir jew tipprova taghti parir, tqabbad jew tippova tqabbad lil xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tonqos milli tikkonforma ma' xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet, inkluzi xi ordni legittimanent moghtija bis-sahha ta' xi dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposti minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom,

tkun hatja ta’ reat kontra dawn ir-regolamenti ».

Illi Regolament 4 tal-Avviz Legali 12 tal-2001 jfisser il-kelma « persuna » bhala :

« kull persuna, sew naturali sew guridika, korporta jew mhix korporata, u tinkludi kull persuna li tkun qed tagixxi f’isimha jew taht xi istruzzjonijiet ta’ min ihaddimha, ta’ mghallem jew sid ».

**Ikkunsidrat**

Illi. mill-provi prodotti u minn dak li nghad hawn fuq, m’hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputati kollha li kellhom, b’xi mod jew iehor rwol fit-tizbir tas-sigra tal-harruba in kwistjoni. Wiehed ma jridx jinsa ukoll li Regolament 15(2), tal-Avviz Legali 12 tal-2001 jghid hekk : « Kull persuna li taghmel, **jew tipprova taghmel reat** kontra dawn ir-regolamenti » [emfazi mizjuda], imbaghad ir-regolament jghaddi biex jelenka l-pieni li ghandhom jigu moghtija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Regolamenti 6 u 7(4) tal-Avviz Legali 12 tal-2001, issib lill-imputati kollha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom multa komplessiva ta’ tmien mitt Euro (€ 800.00) kull wiehed u tordna wkoll il-konfiska tac-*chainsaw* tal-marka Homelite (Dok. AS).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------